ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni rigward il- protezzjoni ta' terminu tradizzjonali skont l-Artikolu 28(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi u termini tradizzjonali fis-settur tal-inbid, il-proċedura ta' oġġezzjoni, ir-restrizzjonijiet tal-użu, l-emendi għall-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott, it-tħassir tal-protezzjoni, u t-tikkettar u l-preżentazzjoni

(2021/C 384/05)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 22 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/34 ([1]). Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien xahrejn mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

Applikazzjoni għall-protezzjoni tat-terminu tradizzjonali

"Prošek"

Data tal-wasla tal-applikazzjoni: 11 ta' Diċembru 2013

Numru ta' paġni: 4

Lingwa tal-applikazzjoni: Kroat

Numru tal-fajl: TDT-HR-1670

Applikant: Awtorità kompetenti tal-Istat Membru, il-Ministeru tal-Agrikoltura

Indirizz:

Ulica grada Vukovara 78
HR-Zagreb 10000
KROAZJA

Nazzjonalità: Kroat

Telefon, fax, email:

Tel. +385 16106446 / 16106017

fax +385 16106258

e-mail: ivana.bulajic@mps.hr

Terminu tradizzjonali li għalih qed tintalab il-protezzjoni: "Prošek"

Terminu tradizzjonali skont l-Artikolu 112(b) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013

Lingwa: Kroat

([1]) ĠU L 9, 11.1.2019, p. 46.

Lista tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti jew tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti kkonċernati: It-terminu tradizzjonali "Prošek" jista' jintuża għall-inbejjed b'Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta li ġejjin: "Dalmatinska Zagora", "Sjeverna Dalmacija", "Srednja i Južna Dalmacija" u "Dingač".

Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli: Inbid minn għeneb imqadded

Id-definizzjoni: "Prošek" huwa nbid magħmul teknoloġikament minn għeneb imqadded misjur iżżejjed, liema għeneb irid ikun fih minimu ta' 150° Oe (gradi Oechsle) ta' zokkor. Jista' jkun inbid aħmar jew abjad. Il-kulur jista' jvarja minn isfar skur bi sfumaturi ta' deheb qadim għal ħamrani bi sfumaturi ta' kannella. Bil-maturazzjoni, il-"Prošek" jikseb sfumaturi pallidi minħabba t-tqaddim ossidattiv. Ir-riħa hija deskritta bħala aroma ta' frott misjur iżżejjed b'noti żgħar ta' injam b'aroma ta' ossidazzjoni ħafifa. It-togħma tal-"Prošek" hija karatterizzata minn konsistenza qawwija li tiġi f'parti sinifikanti mill-kontenut għoli ta' zokkor residwu (glukożju u fruttożju) u f'parti żgħira mill-etanol.

"Prošek" għandu kontenut ta' alkoħol effettiv minimu ta' 13,0 % vol. u mill-inqas 20 % vol. ta' alkoħol totali. Ir-rendiment massimu huwa ta' 5 000 kg/ha. Huwa obbligatorju li ssir evalwazzjoni analitika u organolettika.

Regoli nazzjonali: L-att dwar l-Inbid (ĠU Nru 96/03 u 55/11 (sostitwit bl-Att dwar l-Inbid ĠU Nru 32/19), Lista ta' termini tradizzjonali għall-inbid (ĠU Nru 96/07, 62/10, 133/10, 14/11, 52/12, 75/13, 138/13, 42/17 u 49/17), Ordinanza dwar il-produzzjoni tal-inbid (ĠU Nru 2/05, 137/08 u 48/14)

Isem il-firmatarju: Tihomir Jakovina, Ministru għall-Agrikoltura